MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Numru 865/2009

Il-Pulizija
(Spettur Anne Marie Micallef)

vs

Kevin Galdes

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 269879(M), akkuzat talli nhar l-4 ta’ Jannar 2009, ghall-habta tas-sitta neqsin ghoxrin (17:40hrs) f’dawn il-gzejjer, fi Triq D’Argens, Gzira;

i. minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor u cioè ta’ Joseph Zahra f’periklu car, ikkagunajt feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-istess Joseph

Zahra, u dank if iccertifika Dr. J. Zahra M.D. ta’ l-Isptar Mater Dei;

ii. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ksirt il-mistrieh u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Semghet lill-imputat mal-qari tal- imputazzjonijiet jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu hati tal-akkuzi kontrih migjuba. Ikkonsidrat li l-imputat ma ikkontestax l- € 500 danni sofferti mill-parti leza.

Rat l-Artikolu 216 (b), 388 (dd) u 17 tal-Kap 9. Tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sentejn mill-lum. Rat l-Artikolu 24 tal-istess u tikkundanna l-imputat li jhallas lill-parti leza fi zmien 18 il-xahar mill-lum is-somma ta’ € 500.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------